L-Università ta' Malta

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE
EXAMINATIONS BOARD

ADVANCED MATRICULATION LEVEL
2026 SECOND SESSION

SUBJECT:	**Religious Knowledge**
PAPER NUMBER:	I
DATE:	31st August 2026
TIME:	9:00 a.m. to 12:05 p.m.

THE SCRIPTURE AND THE CREED

Answer **THREE** questions: **ONE** from **each** section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

SECTION A: THE CHRISTIAN BIBLE

1. "Sacred Scripture is the word of God inasmuch as it is consigned to writing under the inspiration of the divine Spirit" (*Dei Verbum*, 9). Discuss this statement by referring to the formation of the Old and New Testament Canon.

2. "By the rivers of Babylon, there we sat down and wept when we remembered Zion… How could we sing the Lord's song in a foreign land?" (Psalm 137). Discuss this in light of the historical context to which it refers.

3. "Blessed are those who have not seen and yet have come to believe" (John 20:29). Discuss how the Fourth Gospel both affirms the faith of those who encounter the risen Jesus and redefines faith for those who believe without seeing by referring to **FOUR** examples from this Gospel.

4. The passion of Christ reveals the humanity and identity of Jesus. Discuss.

SECTION B: THE CREED

5. Faith implies the "faith by which we believe" and designates "faith that we believe" (McGrath). Discuss.

6. "In a complex cultural context, the Nicene Creed expressed the essence of the faith through the philosophical and cultural categories of its time. Yet only a few decades later, at the First Council of Constantinople, we see that it was further deepened and expanded. Thanks to this doctrinal development, there emerged a new formulation, the Nicene-Constantinopolitan Creed that we profess together in our Sunday liturgies" (Pope Leo XIV). Discuss this statement in view of the formation of the creeds.

7. How does Christian theology conceive salvation as a distinctive reality, grounded in the person and history of Jesus Christ, and made effective for believers?

8. "The Church is not a museum for saints; it is a hospital for sinners" (Saint Augustine). Discuss.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA
IT-TIENI SESSJONI 2026

SUĠĠETT:	**It-Tagħlim Reliġjuż**
KARTA NUMRU:	I
DATA:	31 ta' Awwissu 2026
ĦIN:	mid-9:00 a.m. sa-12:05 p.m.

L-ISKRITTURA U L-KREDU

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn **kull** taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

TAQSIMA A: IL-BIBBJA

1. "L-Iskrittura Mqaddsa hija l-kelma ta' Alla inkwantu miktuba bl-ispirazzjoni tal-Ispirtu ta' Alla" (*Dei Verbum*, 9). Iddiskuti din id-dikjarazzjoni billi tirreferi għall-formazzjoni tal-Kanoni tat-Testment il-Qadim u l-Ġdid.

2. "F'xatt ix-xmajjar ta' Babilonja, hemm qgħadna bilqiegħda u bkejna, aħna u niftakru f'Sijon… Kif nistgħu ngħannu l-għana tal-Mulej f'art barranija?" (Salmi 137). Iddiskuti dan fid-dawl tal-kuntest storiku li jirreferi għalih.

3. "Henjin dawk li ma rawx u emmnu" (Ġwanni 20:29). Iddiskuti kif ir-Raba' Evanġelju jafferma l-fidi ta' dawk li jiltaqgħu ma' Kristu rxoxt kif ukoll jiddefinixxi mill-ġdid il-fidi għal dawk li jemmnu mingħajr ma jaraw billi tirreferi għal **ERBA'** eżempji minn dan l-Evanġelju.

4. Il-passjoni ta' Kristu tirrivela l-umanità u l-identità ta' Ġesù. Iddiskuti.

TAQSIMA B: IL-KREDU

5. Il-fidi timplika l-"fidi li biha nemmnu" u tindika "l-fidi li nemmnu fiha" (McGrath). Iddiskuti.

6. "F'kuntest kulturali kumpless, il-Kredu ta' Niċea esprima s-sinifikat tal-fidi permezz ta' kategoriji filosofiċi u kulturali ta' dak iż-żmien. Madanakollu ftit deċenji wara, fl-Ewwel Konċilju ta' Kostantinopli, naraw li ġie approfondit u estiż aktar. Bis-saħħa ta' dan l-iżvilupp dottrinali, ħarġet formulazzjoni ġdida, il-Kredu Niċen-Kostantinopolitan li nistqarru flimkien fil-liturġiji tal-Ħadd" (Papa Ljun XIV). Iddiskuti din id-dikjarazzjoni fil-kuntest tal-formazzjoni tal-kredijiet.

7. Kif it-teoloġija Nisranija tikkonċepixxi s-salvazzjoni bħala realtà distintiva, ibbażata fuq il-persuna u l-istorja ta' Ġesù Kristu, u magħmula b'tali mod effettiva għal dawk li jemmnu?

8. "Il-Knisja mhix mużew għall-qaddisin, imma sptar għall-midinbin" (Santu Wistin). Iddiskuti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE
EXAMINATIONS BOARD

ADVANCED MATRICULATION LEVEL
2026 SECOND SESSION

SUBJECT:	**Religious Knowledge**
PAPER NUMBER:	II
DATE:	1st September 2026
TIME:	9:00 a.m. to 12:05 p.m.

LITURGY AND CHRISTIAN MORALITY

Answer **THREE** questions: **ONE** from **each** section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

SECTION A: LITURGY AND THE SACRAMENTS

1. In what ways is the liturgy the work of the Three Persons of the Holy Trinity?

2. How does the liturgical year serve to show that Christianity is a way of life, rather than a set of ideas? Discuss.

3. How do the sacraments, as particular forms of worship, play a vital role in sustaining and nurturing the Christian life? Discuss with reference to **TWO** of the sacraments.

4. "Holy Baptism is the basis of the whole Christian life, the gateway to life in the Spirit and the door which gives access to the other sacraments" (*CCC*, 1213). Discuss.

SECTION B: CHRISTIAN MORALITY

5. Critically examine the ethical and theological significance of the Decalogue within the Christian tradition.

6. Moral theology teaches that every human person has inherent dignity and fundamental rights because each person is created to share in the life of God. Discuss.

7. "The fourth commandment opens the second part of the Decalogue. It shows us the order of charity. God has willed that, after him, we should honour our parents to whom we owe life and who have handed on to us the knowledge of God" (*CCC*, 2197). Discuss with reference to the family vocation.

8. Peace is "the tranquility of order. Peace is the work of justice and the effect of charity" (*CCC*, 2304). Discuss.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA
IT-TIENI SESSJONI 2026

SUĠĠETT:	**It-Tagħlim Reliġjuż**
KARTA NUMRU:	II
DATA:	1 ta' Settembru 2026
ĦIN:	mid-9:00 a.m. sa-12:05 p.m.

IL-LITURĠIJA U L-MORALITÀ NISRANIJA

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn **kull** taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

TAQSIMA A: IL-LITURĠIJA U S-SAGRAMENTI

1. B'liema modi l-liturġija hi l-opra tat-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa?

2. Kif is-sena liturġika sservi sabiex turi li l-Kristjaneżmu hu mod ta' ħajja, aktar milli sett ta' ideat? Iddiskuti.

3. Kif is-sagramenti, bħala forom partikolari ta' qima, għandhom irwol importanti fis-sostenn u t-trawwim tal-ħajja Nisranija? Iddiskuti b'referenza għal **ŻEWĠ** sagramenti.

4. "Il-Magħmudija mqaddsa hi l-pedament tal-ħajja Nisranija kollha, l-għatba tal-ħajja fl-Ispirtu, il-bieb li minnu ngħaddu għas-sagramenti l-oħra" (*KKK*, 1213). Iddiskuti.

TAQSIMA B: IL-MORALITÀ NISRANIJA

5. Eżamina b'mod kritiku s-sinifikat etiku u teoloġiku tad-Dekalogu fit-tradizzjoni Nisranija.

6. It-teoloġija morali tgħallem li kull persuna umana għandha dinjità intrinsika u drittijiet fundamentali għax kull persuna hija maħluqa biex tipparteċipa fil-ħajja ta' Alla. Iddiskuti.

7. "Ir-raba' kmandament jibda t-tieni tavla tal-Liġi: jindikalna l-ordni ta' l-imħabba. Alla ried li warajh nagħtu ġieħ l-ewwel lill-ġenituri tagħna għax minn għandhom ħadna l-ħajja u huma għarrfulna 'l Alla" (*KKK*, 2197). Iddiskuti b'referenza għall-vokazzjoni tal-familja.

8. Il-paċi hi "t-trankwillità tal-ordni. Hi opra tal-ġustizzja u frott tal-imħabba" (*KKK*, 2304). Iddiskuti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.